# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 16

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 14 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 15

16.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħmistax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

16.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

16.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet li qed isiru minn IM fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huwa qal kif il-kuntrattur inkarigat minn dan ix-xogħol inbidel u hemm kuntrattur ġdid. Fil-ġranet li ġejjien dan il-kuntrattur ser ikun qed jgħaddi il-kanen tal-main tal-ilma li hemm bżonn tul it-triq kollha. Is-Sindku żied jgħid kif ser jiġi mgħoddi wkoll xi cable tad-dawl minn naħa ta' Enemalta.

16.3.2 Is-Sindku tkellem dwar inizjattiva maħruġa mill-Ministeru tal-ambjent, fejn kull kunsill lokali hemm ċans jibbenifika minn fond ta' mitt elf ewro biex isiru proġetti ta' greenary favur l-ambjent fil-lokalita. Is-Sur Dalli qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-laqgħa ma' uffiċjal mill-Ministeru tal-ambjent dwar dan. Huwa kompla jgħid li kif il-ministeru joħroġ il-linji gwida ta' kif wieħed għandu japplika għal dawn il-fondi, s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil kunsill b'dan.

16.3.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-ewwel sejħa li l-kunsill kien issottometta biex isir demolizzjoni u tranġar fuq il-ħitan tas-sejjieħ fir-raħal. Huwa qal kif il-kunsill iffirma il-kuntratt mal-kuntrattur u kif ix-xogħol ta' manutenzzjoni fuq dawn il-ħitan tas-sejjieħ għandu jibda dalwaqt. Il-Kuntrattur magħżul anke iltaqgħa mal-perit tal-kunsill ħalli jkollu stampa aktar ċara ta' x'tip ta' manutenzzjoni għandha ssir.

16.3.4 Is-Sindku reġgħa tkellem fuq it-tibdil ta' parti mill-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, mit-Torri l-isfel. Is-Sur Dalli spjega kif huwa ferm diffiċli li jinstab madum eżatt bħal dak li hemm eżistenti u għalhekk qed jissuġġerrixi li l-pavimentar jinbidel u pero minnflokk isir bil-madum, isir bil-concrete imprint, kif saret Triq Preziosi sqaq nru 2. Huwa staqsa lil kunsilliera jekk jaqblux ma' dan is-suġġeriment ħalli filkas isir kuntatt immedjat ma' IM fejn ninfurmahom bl-għażla tal-kunsill u nitolbu għall-għajnuna tagħhom b'din l-implementazzjoni, kif diġa kien miftiehem li jsir. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dan is-suġġeriment unanimament u għalhekk ser tinkiteb ittra uffiċjali lid-Direttur ta' IM dwar dan.

16.3.5 Is-Sindku fakkar lil kunsilliera li l-kunsill kien issottometta ma' TM applikazzjoni biex jiġu nstallati tabelli ta' no heavy vehicles fl-entraturi kollha ta' Ħal Lija. B'dispjacir huwa qal kif dawn it-tabelli ma ġewx approvati li jitweħlu fl-entraturi kollha tar-raħal, fosthom fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għax it-triq hija wiesgħa biżejjed u fl-opinjoni ta' TM, tiflaħ għall-vetturi kbar. Is-Sur Dalli żied jgħid kif dwar dan, huwa għamel anke site meeting ma' uffiċjal minn TM, fejn spjegalu li dawn it-tabelli hemm bżonn li jkunu approvati li jitweħlu fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għax ma jagħmilx sens li vetturi kbar bħal trakk tal-ġebel jitħalla jidħol fi Vjal it-Trasfigurazzjoni il-fuq lejn il-pjazza meta mill-pjazza umbgħad xorta spiċċa ma jgħaddix minħabba id-djuq. Għalhekk is-Sur Dalli għarraf lil kunsilliera kif TM fil-jiem li ġejjien ser tħejji laqgħa dwar din il-problema fejn il-kunsill ser ikun mistieden jattendi għal din il-laqgħa.

## 16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

16.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kien hemmx.

## 16.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti

16.5.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport finali tal-evalwazzjoni tat-*tender* għax-xogħlijiet ta' patching</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għax-xogħlijiet ta' patching. Kopja tar-rapport intbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm offerta waħda b'kollox ta' Dimbros Ltd, li hija kemm *technically u financially complaint*. Il-Bord tal-evalwazzjoni qed jirrakomanda li din it-tender tiġi mgħottija lil Dimbros LTD.

16.5.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jipproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jiġi *awarded* dan il-kuntratt ta' xogħol malajr kemm jista jkun, dan naturalment jekk ma jkunx hemm appelli minn *bidders* oħra fiż-żmien t'għaxart ijiem. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt kif suppost.

16.5.2.1 <u>Kunsiderazzjoni tal-*opening report* għall-kwotazzjoni tal-implementazzjoni u sistema ta' Irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill l-*opening report* tal-kwotazzjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. L-offerti għal din is-sejħa infetħu fit-3 ta' Lulju u b'kollox kien hemm offerta waħda. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat lis-sindku u lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

16.5.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din l-offerta issa triq tiġi evalwatha u xtaqet konferma mingħand is-sindku u l-kunsilliera dwar jekk isibux oġġezzjoni li jiġu maħtura t-tlett evalwaturi li jinħatru s-soltu biex b'hekk tibda l-proċedura tal-evalwazzjoni għal dan it-tender.

16.5.2.3 Il-Kunsill unanimament approva u kkonferma li għandhom jinħatru l-istess tlett evalwaturi li ġew maħtura drabi oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt ma' dawn l-evalwaturi u kif jkollha aktar informazzjoni dwar il-progressjoni tal-evalwazzjoni terġa tikkonsulta mal-kunsill.

16.5.3.1 <u>Aġġornament dwar il-proposta li l-kunsill issottometti ma' TM għall-tabelli tal-heavy vechicles</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill żewġ ittri mingħand TM li rċieva il-kunsill dwar il-proposta tiegħu biex jitweħlu tabelli ta' no heavy vehicles fi Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kontenut ta' dawn l-ittri, u kif diġa spjega ferm tajjeb is-Sindku hija regġħat infurmat lil kunsilliera li TM ma approvatx li jsiru tabelli tan-no heavy vehicles fl-entraturi kollha ta' Ħal Lija kif ippropona l-kunsill.

16.5.3.2 TM tat approvazzjoni biex dawn it-tabelli jsiru biss fi Triq Agostino Portelli, Triq Preziosi, Triq Robert Mifsud Bonniċi, Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Annibale Preca c/w Triq Sant Antnin u Triq Annibale Preca c/w Triq Kananea. Għandhom jitweħlu tabelli tat-tip kif indikat minn TM biex ma jidħlux trakkijiet li għandhom piż aktar minn 7.5 tons apparti dawk li jkunu qed jagħtu servizz.

16.5.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li TM ma tatx approvazzjoni li jsiru tabelli ta' no heavy vehicles fi Triq Daniel Sammut, Triq Wiġi Muscat, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Kjeriku Ġakbu Abela.

16.5.3.4 Is-Sindku qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb li dawn it-tabelli jiġu mplementati bilmod skond l-istruzzjonijiet mgħottija minn TM u kif jippermettu l-finanzi tal-kunsill. Is-Sindku fakkar kif il-kunsill jista anke jimplementa dawn it-tabelli bi fondi mingħand ir-Reġjun Ċentru. Naturalment il-kunsill ser jibda billi jweħħel dawn it-tabelli f'entraturi li huma aktar urġenti minn oħrajn. Mhux ser jitħallew jidħlu trakkijiet b'tunnellaġ aktar għoli minn dak ta' 7.5, ħlief dawk it-trakkijiet li jkunu qed jagħtu servizz fil-lokalita. Trakkijiet oħrajn biex jidħlu ser jibda jkollhom bżonn il-permess tal-kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel.

16.5.4.1 <u>Aġġornament dwar il-proposta li l-kunsill issottometta ma' TM biex isiru removable bollards waqt il-ħin tal-iskola u kif ukoll fi żmien il-festa</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil kunsill kif it-tlett applikazzjonijiet li huwa ssottometta għall-removable bollards fi: (A) Triq Robert Mifsud Bonniċi waqt il-ħin tal-iskola, (B) Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq il-Forn u fi Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq is-Salvatur waqt iż-żmien tal-festa, ma ġewx approvati minn TM.

16.5.4.2 TM ma tatx l-approvazzjoni li jsiru dawn il-bollards għaliex hija qed tisħaq li removable bollards fit-toroq jafu jkunu aktar ta' periklu u faċli jiġi kkawzat aċċident bihom.

16.5.4.3 Peress li dawn il-bollards ma ġewx approvati, s-sindku ħareġ bi suġġeriment ta' x'jista jsir minnflokk. Is-Sur Dalli qal li huwa tħaddet mas-Segretarju Eżekuttiv fejn flimkien kelmu lil kuntrattur tal-kunsill tat-tabelli u sinjali biex jaraw jekk huwa għandux tabelli puliti li jista jixtri l-kunsill kemm il-darba jkun hemm bżonn issir xi għeluq tat-triq.

Il-Kuntrattur wieġeb li għandu tabelli simili addattati u anke jista jiprovdi xi tabelli personalizzati apposta bl-arma tal-kunsill. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 16.6 Approvazzjoni tal-Audited financial statements, management letter u risposta tal-kunsill

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja finali tal-audited financial statements flimkien mal-management letter 2019 (Ittra ta' direzzjoni) datata 19 ta' Mejju 2020 li minkejja din id-data, din uffiċjalment waslet il-kunsill fit-30 ta' Ġunju 2020.

16.6.2 Fuq il-mejda tal-kunsill tpoġġiet ukoll ir-risposta tal-management letter 2019 (Ittra ta' direzzjoni) bid-data 14 ta' Lulju 2020. Kopja tal-Ittra ta' direzzjoni 2019 flimkien mar-risposta ppreparatha ngħatat lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

16.6.3 Is-Sindku għamel stqarrija nġenerali fuq dawn ir-rapporti fejn qal li l-audit mar tajjeb ħafna għas-sena 2019 u mill-management letter jidher li ftit li xejn irriżultaw affarijiet fin-negattiv minn naħa tal-amministrazzjoni. Huwa qal kif ħafna mill-kummenti li saru mill-awdituri huma relatati mal-inputting tal-accounts u m'għandhomx x'jaqsmu mas-Segretarju Eżekuttiv u t-tmexxija amministrattiva tagħha. Għalhekk is- Sur Dalli qal kif, fil-jiem li ġejjien hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jiltaqgħu mal-accountant u l-accountant technician biex kemm jista jkun għall-sena oħra ta' audit jistinkaw aktar f'xogħlhom biex anke minn naħa tal-accounting ikun hemm inqas kummenti negattivi.

16.6.4 Is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet dwar dawn ir-rapporti u mistoqsijiet ma kienx hemm.

16.6.5 Il-Kunsill unanimament approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2019 u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-risposta ssuġġeritha, dan fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia, li kienet issekondatha mis-Sindku Anthony Dalli.

## 16.7 Korrispondenza

16.7.1 B'referenza għall-korrispondenza partikulari, is-Sur Dalli staqsa lil kunsillier Joseph Zahra jekk il-klabb tal-futbol reġgħux avviċinawh dwar is-serata li huma xtaqu jorganizzaw mal-kunsill peress li riċentament ħadu il-league. Is-Sur Zahra spjega kif il-klabb tal-futbol jixtieq li ssir serata fejn tiġi ppremjatha t-tazza u huwa qed jissuġġerrixi biex din issir f'Jum Ħal Lija. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx ma' dan is-suġġeriment peress li Jum Ħal Lija hija ġurnata ta' okkażjoni speċjali u mhux xieraq li jsiru attivitajiet oħra li mhumiex relatati ma' din iċ-ċerimonja. Is-Sindku għamel enfasi li huwa ma jsibx oġġezzjoni li l-klabb tal-futbol jorganizza serata bl-iskop li tingħata t-tazza, pero l-kunsill ma jistax ikun ta' għajnuna fil-finanzi ta' din l-attivita.

16.7.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet rimarka dwar korrispondenza nru 0417/20 – 'Ftehim-Lija FC GRD'. Hija xtaqet tkun taf jekk l-applikazzjoni ta' encroachment saritx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ssottomettiet din l-applikazzjoni żmien ilu pero l-applikazzjoni għadha ma ġietx approvatha. L-applikazzjoni qed tiġi analizzatha mid-Dipartiment u dan huwa proċess twil mhux ħazin. Hija qiegħda f'kuntatt kontinwu mad-dipartiment u waslet fil-fażi fejn qed tagħti kopji ta' xi dokumenti oħra addizzjonali li qed jitlob id-dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija għamlet dak kollu li kien rikjest isir minn naħa tagħha u l-kunsill issa ma jista jagħmel xejn ħlief jistenna risposta.

16.7.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 0423/20. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik il-korrispondenza titratta fuq ilment mibgħut minn resident fi Triq Pantar u jixtieq jiltaqgħa mas-sindku biex jitħadded miegħu fuq dan l-ilment. Is-Sindku spjega kif huwa ser jiltaqgħa ma' dan ir-resident fil-jiem li ġejjien.

16.7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet kjarifika fuq korrispondenza nru 0436/20 – Lista ta' korsijiet għal dan is-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv għarfitha li kif kien ġie diskuss fis-seduta preċedenti l-iskrivani ġabu nformazzjoni mingħand id-dipartiment tal-edukazzjoni dwar korsijiet li huma jistgħu joffru b'xejn għar-residenti. Ir-Risposta kienet li l-unika korsijiet offruti huma l-korsijiet tal-life long learning u reġistrazzjonijiet għal dawn il-korsijiet jibdew mill-15 ta' Lulju.

16.7.5 Il-Kunsillier Cini għamel referenza għall-korrispondena nru 0437/20 fejn xtaq ikun jaf kif sejjer il-kuntrattur il-ġdid ta' skart goff għaliex kien hemm xi lment fuq l-aħħar ġabra li għamel fejn dan dam ħafna biex ġabar l-iskart kollu mir-raħal. Is-Sindku qal li huwa jinsab infurmat b'dan l-ilment u wieħed irid jifhem kif dan il-kuntrattur għadu ġdid u għadu qed jidra t-toroq tar-raħal. Huwa qal kif xorta s-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tkelmu biex l-kunsill

ikun jaf għalfejn dam sa wara nofsinhar biex ġabar l-iskart kollu u biex jekk filkas sakemm jidra l-kunsill alissa ma jabbihx b'ammont kbir ta' djar li minnhom irid jieqaf jiġbor kull tip ta' skart goff.

## 16.8 Jum Ħal Lija

16.8.1 Is-Sindku kkonferma kif għas-sena 2020 Jum Ħal Lija ser jiġi ċċelebrat fil-pjazza Trasfigurazzjoni fid- 29 ta' Lulju minħabba l-pandemija li ġrat ta' COVID-19. Il-Programm ta' din is-serata huwa kif ġej: ser issir quddiesa ta' ringrazzjament fis-6:30pm fejn waqt din il-quddiesa ser tiġi ppreżentatha lill-kappillan is-somma ta' €450 inkonnessjoni mal-Festival taċ-Ċitru.

16.8.2 Wara il-quddiesa għall-ħabta tas-7:15pm ser isir diskors mis-Sindku għall-okkażżjoni u wara tibda l-preżentazzjoni tal-għotja ta' Ġieħ Ħal Lija u r-rikonoxximenti lil dawk il-frontliners li taw il-kontribut tagħhom biex titnaqqas it-tixrida ta' COVID-19.

16.8.3 Wara li tintemm il-preżentazzjoni għall-ħabta tat-8:15pm, iċ-ċerimonja ser titkompla aktar l-isfel ħdejn it-Torri Belvedere fejn ser jitteħdu xi ritratti professjonali tal-okkażżjoni bħala tifkira. L-amministrattiv diġa ħa ħsieb li jlesti l-invit tan-nies mistiedna.

16.8.4 Is-Sindku kompla jgħid li ser ikun hemm mitejn siġġu b'kollox u dawn ser jingħataw mingħand il-każin tal-banda bil-prezz ta' 100 ewro.

16.8.5 Is-Sur Dalli spjega kif bħala spejjeż hemm ukoll (1) id-design u printing taċ-ċertifikati, (2) xiri ta' timbru bl-inċira għaliex kemm il-darba dan it-timbru kien jeżisti fil-passat baqa ma nstabx, (3) Kiri ta' equipment għas-sound li ser jiġi mgħoti bi prezz raġonevoli mingħand il-kunsillier is-sur Zahra, fejn il-kunsill ser ikun obbligat iħallas biss tal-impjegat li ser ikun qed jieħu ħsieb jimmaniġġa l-equipment, (4) ħlas għas-servizz ta' fotografu professjonali mgħoti minn Perspettiva (5) xiri ta' bandiera tal-kunsill Lokali biss bil-qis ta' 2m x 3m għaliex is-Sindku spjega kif il-bnadar tal-istess qis ta' Malta u tal-Ewropa ser jiġu mislufa mingħand id-dipartiment tal-kultura, (6) ħlas għas-servizz ta' pulizija għal boune ordni biss għaliex is-servizz tal-uffiċċjali tal-komunita biex jieħdu ħsieb it-traffiku ser jingħata b'xejn u (7) ħlas biex isir avviż fuq il-gazzetta tal-gvern biex dakinhar taċ-ċerimonja l-pjazza tkun magħluqa u ma jsirx parkeġġ.

16.8.6 Is-Sindku qal kif huwa anke ftiehem ma' żewġ ħaddiema tal-kunsill, Frankie u Marco, biex jgħinu lil kunsill bil-mejda tat-trophies u jekk it-tlett ħaddiema l-oħra jixtiequ ikunu ta' għajnuna ukoll, ikun ferm aħjar. Il-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-Kunsillier Donio Cini ser ikunu nkarigati jilqgħu lin-nies u jindikawlhom fejn għandhom ipoġġu u Sindku qal li jekk il-Minority Leader u l-Kunsillier Zahra jixtiequ jgħinuhom ikun aħjar ukoll. Il-Kunsillier u l-impjegati tal-kunsill jistgħu jġibu guest magħhom.

16.8.7 Is-Sur Dalli kompla jikkonferma kif waqt din iċ-ċerimonja b'kollox ser jingħataw 6 plakek ta' nominazzjonijiet għall-Ġieħ Ħal Lija. Magħhom ser jiġu ppreżentati ukoll 5 tifkiriet lil St. Michael Pharmacy, St. Joseph Pharmacy, L.E.S.A, Cleansing Department u l-Għassa tal-pulizija u kif ukoll madwar 70 ċertifikat għal-frontliners kollha tax-xogħol siewi tagħhom kontra l-pandemija ta' COVID-19.

16.8.8 Is-Sur Zahra għamel suġġeriment biex issir promozzjoni ta' Jum Ħal Lija u biex il-kunsill jikkunsidra li din is-serata tiġi mħabra fuq l-aħbarijiet. Is-Sindku għarfu kif din hija xi ħaġa li żgur ser issir u l-istazzjonjiet kollha tal-aħbarijiet ser jiġu avviċinati biex dakinhar ikunu disposti jattendu.

## 16.9 Festa tas-Salvatur 2020

16.9.1 Minħabba COVID-19 is-sindku b'dispjaċir qal li għal din is-sena l-Festa tas-Salvatur mhux ser tkun tista tiġi ċċelebratha bħas-soltu.

16.9.2 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif il-kunsill ser joħroġ il-permessi tal-kiosks għal dawk kollha li xorta interessati jarmaw. Il-Kunsill anke ser ikun qed jagħti permessi lil każini u l-għaqdiet kollha li jixtiequ jagħmlu xi attivatijiet fiż-żmien tal-festa.

16.9.3 Is-Sindku qal li għal din is-sena il-fire engine li jġibu l-għaqda tan-nar ta' San Mikiel ser tammonta biss għal €128 peress li l-ispettaklu tan-nar ser isir fil-ġurnata tal-festa biss.

16.9.4 Il-festa ser issir bħal dejjem fis-6 ta' Awwissu. Il-puntifikar li ser issir filgħodu, il-purċissjoni filgħaxija u l-ispettaklu tan-nar filgħaxija ukoll sal- 9:45pm.

## 16.10 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

16.10.1.1 <u>LC Care Project Grant Support Scheme</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif l-ministeru tal-agrikultura u ħarsien tal-annimali reġgħa ħareġ skema għall-kunsilli lokali biex japplikaw għall-fondi relatati mal-ħarsien u l-kura tal-annimali li huma għandhom fl-irħulha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija flimkien mal-Assistent prinċipal Dorianne Bonniċi Bondin, attendiet għall-laqgħa informattiva dwar din l-iskema fejn waqt din il-laqgħa ġew mgħottija linja gwida ta' kif kunsilli għandhom japplikaw. Preżenti għal din il-laqgħa ukoll kien hemm is-Sur Joseph Zahra, li huwa l-kunsillier responsabbli mid-delega tal-Ħarsien tal-annimali.

16.10.1.2 Din il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sur Montebello, id-Direttur ta' Animal welfare, fejn huwa spjega kif kunsilli lokali jistgħu japplikaw għal fond totali ta' €8,000 biex iħarsu u jgħinu l-annimali tal-lokalita tagħhom. Applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi onlajn u jagħlqu fl-17 ta' Lulju 2020. Kunsilli lokali interessati għandhom japplikaw skond il-linji gwida mgħottija u jistgħu japplikaw BISS għall-proġetti/inizjattivi skond Appendiċi A ta' dawn il-linji gwida. Waqt din il-laqgħa s-Sur Montebello sostna kif din is-sena ma jistgħux jiġu sottomessi applikazzjonijiet ta' neutering peress li animal welfare ser tieħu ħsieb fil-jiem li ġejjien toħroġ tender hi ffokatha fuq neutering biss biex tkun aktar ta' għajnuna għall-kunsilli lokali.

16.10.1.3 Waqt din il-laqgħa ġie indikat ukoll li 24 -il kunsill lokali biss jistgħu jibbenifikaw mill- fond ta' €8,000 il-wieħed u, hemm ċans li aktar ma jiġu sottomessi applikazjonijiet minn kunsilli lokali bi twettiq ta' proġetti jew inizjattivi ħfief, dawn il-kunsill lokali partikulari aktar għandhom ċans jibbenifikaw minn dawn il-fondi. Dan għaliex il-proġett propost ikun wieħed speċifiku, ċar u sempliċi.

16.10.1.4 Għalhekk wara konsultazzjoni li saret mas-sindku dwar dawn il-fondi, il-pass li jmiss kien li l-kunsill lokali jiltaqgħa mal-feeders tar-raħal biex din l-informazzjoni kollha tiġi mgħoddija lilhom u biex huma ukoll jingħataw l-opportunita jitħaddtu mal-kunsill dwar x'jaħsbu li huwa l-aktar proġett bżonjuż li għandu jitwettaq għal ġid tal-annimali tal-lokal, b'mod speċjali tal-qtates.

16.10.1.5 Saret laqgħa żgħira mal-cat feeders nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju u minn din il-laqgħa żvolġa li hemm 7 cat feeders fir-raħal li jieħdu ħsieb qtates abbandunati f'diversi akwati tar-raħal. Wara diskussjoni twila li saret mis-sindku u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-kunsilli lokali ma' dawn il-cat feeders, ġie rrakomandat li l-kunsill alissa japplika għal €4,000 fuq vouchers tal-ikel tal-qtates u €4,000 oħra għas-servizzi ta' medikazzjoni (VET).

16.10.1.6 Is-Sur Zahra ukoll tkellem fuq din il-laqgħa u anke ssuġġerrixxa biex l-kunsill jikkunsidra japplika għall-Cat Cafe. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif il-cat feeders ma jidirx li għandhom interess li ssir cat cafe. Il-feeders aktar espremew ix-xewqa li jingħataw l-għajnuna bl-ikel, bil-vet u neutering (u hawn reġgħat enfasizzat li n-neutering ser jieħu ħsieb joħroġ tender għalih l-Animal Welfare għal din is-sena). Barra minn hekk hija reġgħat tenniet ukoll li aktar ma jkun kkumplikat il-proġett, iddum biex tiġi pproċessatha l-applikazzjoni u jaf ikun hemm ċans li l-proġett ma jkunx approvat. Hija qalet ukoll kif mill-laqgħa li attendiet ħareġ biċ-ċar li ħafna kunsilli lokali li applikaw għal cat cafe qed jgħaddu minn proċess burokratiku ħafna u anke kellhom problemi mal-Lands Department.

16.10.1.7 Is-Sur Zahra talab biex almenu jsiru xi ftit kennels bħala sheltering fil-Ġnien.

16.10.1.8 Wara diskussjoni daqsxejn twila, l-Kunsill unanimament qabel li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal €3,500 cat food voucher, €3,500 għas-servizz ta' veterinarju u €1,000 għal xiri ta' kennels.

16.10.2.1 <u>Kwotazzjonijiet – Spiża totali tal-fuljett tal-kunsill Lokali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni kwotazzjoni bi breakdown ta' kemm qed jiġi estimat li se jiswa l-fuljett tal-kunsill. Hija spjegat kif il-proof reading tal-kitba mgħottija ser jammonta għal €29.50 u id-design ser jiswa lil kunsill €88.50. L-ispiża tal-printing tiddependi fuq l-ammont ta' paġni li l-kunsill finalment jiddeċieci li se jagħżel.

16.10.2.2 Il-Kunsill jrid jiddeċiedi jekk il-kontenut tal-fuljett mhux ser jitqassam fuq 8 paġni bil-prezz ta' €504.00 jew inkella fuq 12 il-paġna bil-prezz ta' €693.00. Jiġifieri is-segretarju eżekuttiv spjegat kif jekk il-kunsill jagħżel l-ammont ta' 8 paġni, l-ispiża totali tal-fuljett ser tammonta għal €622.00 filwaqt li jekk il-kunsill jagħżel li l-fuljett jiġi pprintjat fuq 12 il-paġna l-ispiża totali ser tkun ta' €811.00.

16.10.2.3 Is-Sindku qal kif il-fuljettgħal din id-darba jrid ikun daqsxejn kbir għaliex il-kontenut huwa daqsxejn imdaqqas mhux ħażin. Il-Kunsill unanimament qabel li l-fuljett jiġi pprintjat fuq 12-il paġna. Mis-sena li ġejja dan il-fuljett għandu jsir kull sitt xhur.

16.10.3.1 <u>Proġett iffinanzjat mir-Reġjun Ċentru – spinning photos</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv aġġornat lil kunsilliera dwar proġett li ser ikun qed jiġi ffinanzjat minn Reġjun Ċentru bl-isem ta' 'Spinning photos' sabiex knisja waħda magħżulha mill-kunsill lokali tkun tista tidher b'mod virtwali b'permezz ta' apparat elettroniku. Dan il-proġett qed isir bħala mira ta' attrazzjoni għat-turisti. L-ispiża ta' dan il-proġett ser tammonta għal €1,000 lil kunsill lokali, fejn 50% tal-ammont ta' din l-ispiża għandu jitħallas minn qabel meta jiġi ffirmat l-kuntratt mas-Sur Balzan inkarigat mill-proġett 'spinning photos'.Is-Segretarju Eżekuttiv ħalliet f'idejn is-Sindku biex ikompli jitkellem huwa dwar dan il-proġett.

16.10.3.2 Is-Sindku kkonferma dak li qalet is-Sinjorina Pamela Borg u żied jgħid li huwa anke diġa tħadded mas-Sur Balzan dwar dan il-proġett. Saħansitra s-Sur Dalli qal li huwa avviċina ukoll lil kappillan, fejn f'isem il-kunsill staqsih jekk huwa jsibx oġġezzjoni jissieħeb f'dan il-proġett biex il-knisja parrokjali tar-raħal tidher b'mod virtwali b'permezz ta' dan l-apparat elettroniku speċjali.

16.10.3.3 Is-Sur Dalli qal li l-kappillan aprprezza din il-proposta u aċċetta li l-knisja parrokjali tidher f'dan il-proġett. Il-Kunsilliera wkoll ikkumentaw li dan huwa proġett interessanti u unanimament qablu li jiġi ffirmat l-kuntratt ta' 'spinning photos' mas-Sur Balzan.

16.10.4.1 <u>Emenda – Sinjali tat-traffiku fir-raħal</u>

Is-Sur Dalli ressaq fuq il-mejda tal-kunsill tlett emendi ta' sinjali tat-traffiku li fl-opinjoni tiegħu hemm bżonn jsiru b'mod urġenti. Huwa qed jiproponi li jsiru (A) 1m double yellow lines għall-garaxxijiet kollha li hemm fi Triq Ġużeppi Portelli u Triq Massimiliano Debono (B) implementazzjoni ta' 8 parking bays fi Triq il-Forn fid-daħla ta' fejn joqgħod Dr. Tonio Borg u (C) kif ukoll implementazzjoni ta' 3 parking bays (horizontal) fejn toqgħod Dr. Micallef Hawkes. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif fuq dawn it-tlett emendi huwa diġa kkonsulta ma' uffiċjal tat-TM fejn anke sar onsite meeting u jidher li dawn l-emendi possibli jiġi mplementati.

16.10.4.2 Is-Sindku għamel enfasi kbira fuq emenda (A) ta' Triq Ġużeppi Portelli u Triq M.Debono. Huwa spjega kif il-kunsill irid jaċċetta l-fatt li biex isiru d-double yellow lines ta' metru mal-garaxxijiet kollha, kif għandu jkun bil-liġi, jaf jintilfu xi spazji tal-parkeġġi. Din hija xi ħaġa nevitabli u trid issir għaliex ir-residenti ta' dawn it-toroq ma jistgħux jiġu msakra fil-garaxxijiet tagħhom u barra minn hekk riċentament ġara każ jaħraq fejn xi residenti anke qalaw ċitazzjonijiet bla ħtija ta' xejn. Il-Kunsilliera aċċettaw din l-emenda u għandha tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

16.10.4.3 Rigward l-implementazzjoni tal-parkings bays fi Triq il-Forn, is-Sindku qal li jistgħu jsiru kaxxi tal-parking bays adekwati f'din l-akwata, pero fl-opinjoni tiegħu mhux ser joqgħodu total ta' 8 parkings bays kif ġie ssuġġeriet lilu. Is-Sur Dalli qal li aktarx joqgħodu total ta' 6 parking bays biss u ser jagħmel sketch ta' din l-implementazzjoni biex tintbgħat għal parir u l-approvazzjoni ta' TM.

16.10.4.4 Fuq l-implementazzjoni tat-tlett parking bays (horizontal), is-sindku ppreżenta sketch deskrittiva ħafna li kkumpila hu stess. Din l-isketch rawha l-kunsilliera u lkoll qablu magħha u kien hemm anke qbil unanimau biex tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

16.10.5.1 <u>Ilment dwar il-parkeġġ fi Triq Ġużeppi Portelli</u>

Resident ressaq ilment li qed isir parkeġġ ħażin fi Triq Ġużeppi Portelli li qed jikkawża ostaklu lilu kemm il-darba huwa jiġi biex joħroġ jew jidħol fil-garaxx tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat kif ilmenti bħal dawn mhux l-ewwel darba li ġew imtella fl-laqgħat tal-kunsill fil-passat.

16.10.5.2 Inkonnessjoni ma' emenda tat-traffiku (A) li kienet għadha kemm ġiet imressqa u approvatha mill-kunsill, is-sindku qal li dan ilment ta' parkeġġ ħazin issa għandu jkun solvut. Dan ir-resident ser jibbenifika minn metru double line mal-ġnub tal-garaxxijiet tiegħu, kemm il-darba tingħata approvazzjoni minn TM.

16.10.6.1 <u>Talbiet fi Sqaq ta' Sejduna</u>

Resident li joqgħod fi Sqaq ta' Sejduna qed jitlob biex issir mera ftit il-fuq fejn joqgħod is-Sur Stivala fejn hemm qisha blind corner għaliex din il-parti tal-isqaq saret waħda perikoluża ħafna. Dan ir-resident qed jitlob ukoll biex il-kunsill jimplementa l-kaxxi bojod tal-parking u kif ukoll jagħmel il-linji sofor kif neċessarju.

16.10.6.2 Is-Sindku qal li huwa ser ikun qed jagħmel kuntatt ma' dan ir-resident biex jifhem aħjar x'għandu bżonn u kif jista jkun ta' għajnuna għalih il-kunsill.

16.10.7.1 Talba għall-MC Bay fi Triq Merino

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tressaq talba biex tiġi mplementatha kaxxa ta' MC fi Triq Merino. Hija qalet li f'din it-triq m'hemmx MC bay u qed ikun hemm mutur li jipparkja fi kaxxa bajda sħiħa u jieħu parkeġġ waħdu. Is-Sinjorina Borg infurmatha kif fil-verita mutur jista jipparkja ġo kaxxa bajda tal-karozzi u m'hemmx garanzija li jekk issir MC bay is-sid ser jipparkja fiha għax mhux obbligat li jagħmel dan. Sid ta' Mutur bħal sid ta' karozza jħallas il-liċenzja u għalhekk għandu dritt jipparkja fi kaxxa bajda.

16.10.7.2 Dwar din it-talba s-sindku għandu jmur fuq il-post u jara x'hemm u jekk din l-implementazzjoni tistax issir. Jekk jirriżulta li hemm post fejn issir MC bay, l-kunsill għandu jissottometti applikazzjoni ma' TM.

16.10.8.1 Implementazzjoni ta' one-way fi Triq Sir Ugo Mifsud - Approvazzjoni

Is-Sindku aġġorna lil kunsilliera li l-implementazzjoni tal-one way fi Triq Sir Ugo Mifsud ġiet aċċettata minn TM u peress li IM ser tgħin fl-implementazzjoni ta' din il-one way, IM bgħatet pjanta lil kunsill ta' kif ser tkun implementatha din il-one way. Is-Segretarju Eżekuttiv bgħatet kopja ta' din il-pjanta lil kunsilliera qabel il-laqgħa fejn ġew infurmati jgħaddu l-feedback tagħhom.

16.10.8.2 Is-Sindku u l-kunsilliera kollha approvaw din il-pjanta unanimament u s-Sinjorina Lorraine Farrugia rrimarkat biss kif hija ħasbet li minkejja li t-triq ser issir one way (dħul biss minn Triq Naxxar), ir-residenti ta' Ħal Lija xorta ser jiġu aġevolati li jgħaddu both ways u l-one way tkun għal min mhux resident biss. Is-Sindku kkonferma li kieku kellu l-poter jagħmel hekk, hekk kien isir, pero sfortunatament jekk triq ħa tinqeleb one-way, ħa ssir jew għal kulħadd jew għal ħadd.

16.10.8.3 Is-Sur Dalli enfasizza li biex din il-one way tkun aktar sigura għal kulħadd, IM stess issuġġeriet li t-traffiku fi Triq Karlu Darmanin jinqeleb bil-maqlub u karozzi ma joħorġux aktar minn Triq Karlu Darmanin għal Triq Ġ.Barbara. IM qalet li peress li issa Triq Sir Ugo Mifsud ġejja one-way, karozzi li jaqsmu minn Triq Karlu Darmanin għal Triq Ġ. Barbara jafu jikkawżaw konfużjoni jew xi aċċident u għalhekk id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Karlu Darmanin trid tinqeleb. Il-Kunsill kollu ma sabx oġġezzjoni għal dan is- suġġeriment.

16.10.8.4 Għalhekk is-sindku qal li l-pass li jmiss huwa li l-kunsill javża lir-residenti ta' Triq Karlu Darmanin b'din il-bidla. Ser tkun qed tiġi ppreparatha ittra lir-residenti tat-triq.

## 16.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

16.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 08/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €76.48 għax-xahar ta' Ġunju u kif ukoll skeda ta' pagamenti numru 08/20B.

16.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 16.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

16.12.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif riċentament għamlet kuntatt magħha s-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Balzan dwar PA Nru 06438/19 li jitratta dwar l-iżvilupp tal-Moulin D'or fi Triq Robert Mifsud Bonniċi Ħal Lija u Triq il-Barriera Balzan. Minkejja li l-perjodu ta' appell għalaq fi 2019 għal din l-applikazzjoni, l-kunsill lokali ta' Ħal Balzan, l-istess bħal kunsill lokali ta' Ħal Lija, għadhu ferm ikkonċernat dwar dan l-iżvilupp u għalhekk ser jagħmel press release kontra dan l-iżvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Balzan staqsiet jekk il-kunsill ta' Ħal Lija jixtieqx jkun parti minn din il-press release peress li dan l-iżvilupp ser jolqot liż-żewġ lokalitajiet b'impatt negattiv.

16.12.1.2 Wara konsultazzjoni mas-sindku u mat-town planner tal-kunsill, is-Sinjorina Borg għarfet lil kunsilliera li f'isem il-kunsill hija u s-sindku aċċettaw li jingħaqdu mal-kunsill Lokali ta' Ħal Balzan biex issir press release kontra dan il-PA. Barra minn hekk ġie ssuġġeriet mit-town planner li l-kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu jissottometti ukoll għar-rasu ittra ta' rapreżentazzjoni fuq dan il-PA. Filfatt din l-ittra minnufih ġiet ippreparatha ukoll mit-town planner u ġiet sottomessa mal-awtorita tal-Ippjanar fit-13 ta' Lulju 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din kienet deċiżjoni li kellha tittieħed malajr u huwa propja għalhekk li hija flimkien mas-sindku is-Sur Dalli, ħadu din l-azzjoni neċessarja, fl-interess tal-lokalita. Pero, minkejja li ttieħdet din l-azzjoni, sfortunatament r-rapreżentazzjoni mtella

mill-kunsill ma ġietx aċċettata mill-PA għaliex hija kkunsidratha bħala late representation. Hija xorta qalet lil kunsilliera li kull min jixtieq kopja ta' din l-ittra ta' rappreżentazzjoni għandu jinfurmaha biex hija tibgħatlu kopja.

16.12.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet umbgħad referenza għall-applikazzjoni Nru PA 03362/20 fi 42, Triq Tal-Mirakli Kantuniera ma' 50/52/54/56 Triq N. Cottoner Lija, li riċentament ġiet mgħoddija għall-attenzjoni tal-kunsill mit-town planner, kif isir kull ġimgħa. Kopja ta' din l-applikazzjoni ntbgħatet lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Din l-applikazzjoni tikkonsisti fi 5 livelli residenzjali bi basement ta' tlett garaxxijiet u t-town planner qed tissuġerrixi li l-kunsill għandu jikteb lill-awtorita tal-ippjanar dwar dan il-permess.

16.12.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tiġi sottomessa ttra ta' rappreżentazzjoni kif ġie rrakomandat mit-town planner.

## 16.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

16.13.2 Is-Sur Zahra rrimarka li l-merbħa signs għadhom neqsin minn ċertu entraturi ta' Ħal Lija u staqsa jekk dawn ġewx ordnati. Is-Sindku wieġbu li l-kunsill diġa ħa ħsieb dwar dan u għamel kuntatt ma' HSBC fejn ġew rikjesti merbħa signs ġodda.

16.13.3 Is-Sur Ċini espriema x-xewqa biex il-kunsill jimplementa zebra crossing fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, li hemm fuq il-waiting list tax-xogħlijiet pendenti. Huwa fakkar li din iz-zebra crossing diġa kienet approvatha u tniżlet mal-lista ta' xogħlijiet pendenti u ma saritx minnufih minħabba l-finanzi. Is-Sindku wieġeb kif l-aħjar tinġieb kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur umbgħad l-kunsill jimxi minn hemm. Barra minn hekk qabel ma ssir din in-nefqa, s-Sindku enfasizza l-importanza li l-kunsill jistenna t-tieni rapport ta' kull kwart.

16.13.4.1 Is-Sur Ċini ssuġġerixxa li diment li issa l-pandemija tal-COVID 19 ikkwitat, l-kunsill jista jikkunsidra li terġa ssir ħarġa/serata f'Għawdex, kif il-kunsill diġa organizza fil-passat, mill-5:00pm il-quddiem.

16.13.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qablet mas-suġġeriment tas-Sur Ċini u qalet kif hija kienet ser tissuġġerrixi ħaġa simili. Is-Sinjorina Farrugia qed tissuġġerrixi li ssir jew ħarġa sa Għawdex pero filgħodu jew anke mawra sa Kemmuna b'xi tour offrut mill-Captain Morgan u bi buffet inkluż.

16.13.4.3 Il-minority Leader semmiet ukoll kif Din l-Art Ħelwa reġgħu qed jiftħu bilmod ċertu postijiet ta' attrazzjoni bħat-Torri ta' WignaCourt u kellha ħsieb tikkomunika ma' rappreżentant ta' din l-Art Ħelwa għaliex qalet li din hija attrazzjoni ferm sabiħa li ta min iżurha. Hija żiedet tgħid ukoll li wara din iż-żjara umbgħad issir ikla.

16.13.4.4 Is-Sindku qal kif huwa ma jsibx oġġezzjoni għal dawn is-suġġerimenti u tista ssir ħarġa kulturali. Huwa qal lis-Sinjorina Farrugia biex tikkomunika ma' Din l-Art Ħelwa u persuni terzi oħrajn biex b'hekk iġġib l-informazzjoni kollha meħtieġa, tgħaddiha għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, umbgħad l-kunsill jiddeċiedi minn hemm.

16.13.5 Finalment is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet rimarka fuq il-ħaddiema tal-kunsill fejn staqsiet jekk dawn għandhomx bżonn xi sunblock jew brieret peress li qed jagħmlu ħafna xogħol fuq barra fi xemx qalila. Hija qalet biex forsi dawn anke jibdew jaħdmu aktar minn kmieni biex ilestu kmieni u jifrankaw ix-xemx. Is-Sindku qal lis-sinjorina Lorraine Farrugia li s-Segretarju Eżekuttiv hija responsabbli mill-ħaddiema tal-kunsill u assiguraha li hija qed tieħu ħsieb lil ħaddiema f'kollox biex waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom dawn ma jkollhom nuqqas ta' xejn.

16.13.6 Il-laqgħa ntemmet fil-6:00pm.

16.13.7 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |